# Wirt Għawdex

## Press Release

On Sunday 4th February, Wirt Ghawdex inaugurated the restoration of a century old ex-voto niche in Mgarr, in the presence of the Minister for Gozo, The Hon. Giovanna Debono and the Mayor of Ghajnsielem, Mr. Frans Cauchi. This niche was vandalized a few years back, when the oil painting in the niche, depicting Our Lady, St. Peter, St. John and St. Francis protecting two fishermen on a ferilla in rough seas, was stolen. Fortunately Mr. Joe Caruana of Ghajnsielem had a colour photograph of the painting and this made it possible for the society to produce a photographic replica to replace the missing painting. Magistrate Paul Coppini, President of Wirt Ghawdex emphasized the importance of preserving such niches which form an important part of the popular cult of our local patrimony. The ceremony was concluded with the blessing of the niche by the Rev. Frankie Bajada, Archpriest of Ghajnsielem. Committee members and members of the general public were also present.

At the moment the heritage society is involved in other restoration projects in collaboration with the Ministry for Gozo including the Gunpowder Magazine on the St. John’s Demi-Bastion within the Citadel, the Mgarr ix-Xini Tower. Another project to restore the only surviving dghajsa tal- Latini is being undertaken in collaboration with the Gozo Channel Co. Ltd.

PRO
February 11, 2007

# Wirt Għawdex



# Wirt Għawdex

Nhar il-Ħadd 4 ta' Frar 2007, l-għaqda *Wirt Għawdex* inawgurat ir-restawr ta' niċċa ex-voto li għandha aktar minn mitt sena u li tinsab taħt mina fix-Xatt ta' l-Imġarr. Dana sar fil-preżenza tal-Ministru għal Għawdex l-Onor. Giovanna Debono u s-Sindku ta' Għajnsielem, is-Sur Frans Cauchi, u tbierket mill-Arċipriet ta' Għajnsielem ir-Rev. Dun Frankie Bajada. Din in-niċċa kienet ġiet vandalizzata xi snin ilu meta l-pittura taż-żejt fuq it-tila li kien hemm fiha insterqet. Il-pittura kienet turi lil Madonna, San Pietru, San Ġwann Battista u San Franġisk iħarsu żewġ sajjieda maqbuda f'baħar qawwi fuq ferilla. Fortunatament, il-fatt li s-Sur Joe Caruana minn Għajnsielem kellu ritratt ta' din il-pittura, għamilha possibbli għal-għaqda li tordna replika fotografika tagħha u tinstallaha minflok dik misruqa. Paul Coppini, il-President ta' l-għaqda, enfasizza l-importanza li jitħarsu in-niċċeċ li għandna mifruxa mal-gżira u li, bħala rappreżentazzjoni tal-kult popolari ta' missierijietna, ukoll jifformaw parti ntegrali mill-patrimonju kulturali ta' pajjiżna.

Bħalissa l-għaqda *Wirt Għawdex* hija nvoluta fi proġetti oħra ta' restawr b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex u l-kumpanija Gozo Channel. Fost dawn insibu ir-restawr tat-Torri ta' Mġarr ix-Xini, tal-Bastjun ta' San Ġwann fiċ-Ċittadella u l-unika dgħajsa tal-latini li għadha teżisti f'din il-gżira. L-għaqda għandha bżonn ħafna fondi sabiex twettaq il-proġetti tagħha. Min jixtieq jgħin finanzjarjament jista' jibgħat il-kontribuzzjoni tiegħu lit-teżorier fl-indirizz: "Dar il-Lunzjata, Wied il-Lunzjata, Victoria, Għawdex". Kull kontribuzzjoni tiġi rikonoxxuta.

**08.02.2007**
**P.R.O. Stephanie Jean Coppini**